MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2320/2004

**Panta Marketing & Services Limited (C-1123)**
**vs**
**Mark Borg Costanzi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Dicembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disghin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm290.28) rapprezentanti prezz ghax-xoghol fuq sistema ta' boiler u burners maghmul mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq inkarigu tal-konvenut stess.**
**Bl-ispejjez inkluzi tal-prezenti u bl-imghaxijiet legali sad-data talk-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Jannar, 2005 fejn il-konvenut cahad it-talbiet tas-socjeta` attrici li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhm jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi x-xoghol in kwistjoni sar hazin u/jew ma sarx**

**skond il-ftehim tal-partijiet u/jew mhux skond is-sengha u l-arti u kwindi xejn mhu dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici.**
**Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2006, li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Art.2148 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u fis-seduta tal-1 ta' Marzu indika specifikatament l-Art.2148(a) tal-Kap.16.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400.00), u fejn intqal illi x-xogholijiet maghmula mis-socjeta` attrici mhux talli ma sarux skond il-ftehim tal-partijiet u skond is-sengha u l-arti izda talli ikkawzaw danni u spejjez ulterjuri lill-konvenut li jammontaw ghall-elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400.00) jew somma inferjuri peress illi l-konvenut kellu iqabbad lill-socjeta` terza biex tirrettifika l-hsarat li saru mis-socjeta` attrici u taghmel l-istallazzjoni tal-boiler in kwistjoni, u ghalhekk il-konvenut talab li s-socjeta` attrici tigi kkundannata thallas dan l-ammont.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fit-3 ta' Frar, 2005 fejn intqal :**
**i. Illi fl-ewwel lok it-talbiet tal-konvenut rikonvenjenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kwalunkwe xoghol esegwit mis-socjeta` attrici rikonvenuta sar sew u skond is-sengha u l-arti.**
**ii. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ix-xoghol kollu li sar mis-socjeta` attrici rikonvenuta sar a soddisfazzjon tal-konvenut rikonvenjenti.**
**iii. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju jekk kien hemm xi hsarat fil-boiler dawn m'huma b'ebda mod imputabbli lis-socjeta` attrici rikonvenuta.**
**iv. Illi in ogni kaz l-ammont pretiz huwa ferm eccessiv.**
**v. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Adrian Theuma, Richard Bezzina, Anthony Falzon u l-Inginier Micahel D'Amato. Ra l-**

**affidavit ta' Mark Borg Costanzi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazjoni da parti tad-difensuri.**

**Ra d-decizjoni tas-17 ta' Marzu, 2006, moghtija fuq l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidra :**

**1. Fil-kaz in ezami is-socjeta` attrici Panta Marketing qed titlob il-hlas ghall-xoghol fuq sistema ta' boilers. Il-konvenut ghamel kontro-talba ghad-danni subiti minhabba xoghol hazin.**

**2. Adrian Theuma, Works Manager mas-socjeta` attrici spjega li l-konvenut kien inkariga lis-socjeta` attrici biex taghmillu ix-xoghol fuq burner. Dana l-burner isahhan l-ilma li mbaghad isahhan is-sistema tad-dar. Fid-9 ta' Dicembru, 2002, is-sistema ma hadmitx tajjeb u ghalhekk marru jnaddfuha peress li kienet qed taghmel hafna nugrufun. Fit-13 ta' Dicembru, regghu marru u sabu li s-sistema qed tahdem tajjeb. Fit-28 ta' Jannar, 2003 regghu issejhu, u sabu l-burners imdewbin. Skond ix-xhud dana jigri minhabba li s-shana ma tkunx qed tigi assorbita. Il-burners inqalghu u issewwew u regghu gew installati. Rega kien hemm problema fis-6 ta' Frar, 2003, u l-burner kien qed jintefa minnhabba li ma kienx hemm ilma fis-sistema. Skond ix-xhud il-problema inholqot minhabba li kien hemm airlocks fis-sistema. Kull darba li marru inharget job sheet u invoice.**

**3. It-technician Richard Bezzina jghid li l-hsara setghet grat minhabba qtugh ta' l-elettriku. Meta hadu l-unit l-workshop sabu li dan qed jahdem sew. Sussegwentement il-konvenut ilmenta li is-sistema ma kienetx qed tahdem sew bhala sistema ta' « central heating » u l-atturi sabu li kienet dahlet xi arja fil-pajpijiet. Din il-problema fis-sistema ta' l-ilma ma kelliex x'taqsam mal-burner.**

**4. Anthony Falzon, inkarigat mill-konvenut biex isewwilu l-forn, spjega li kien hemm « over heating » qawwi fil-forn, u ,meta ivverifika sab li kien hemm nar qawwi aktar milli suppost. Sab illi n-nozzles tal-burner kienu akbar milli jitlob il-manufacturer. Hu ikkonferma**

**li air locks jistghu jikkawzaw « overheating » pero` dwar dawn ma vverifikax.**

**5. L-inginier Michael D'Amato spjega li n-nozzle kellha tkun 0.55gpm filwaqt li ntuzat nozzle 0.6gpm. Jghid li biex taghmel differenza u tikkawza hsara trid tintuza nozzle li tkun ta' circa 0.8gpm.**

**6. Huwa evidenti li s-socjeta` attrici ma uzatx in-nozzle indikata fil-manwal tal-burner partikolari. Hija ghazlet li tuza wahda kemm kemm akbar. L-inginier D'Amato, li fl-opinjoni tat-Tribunal jidher persuna intiz hafna f'din il-materja irrileva li l-uzu ta' tali nozzle akbar mhux suppost li kkawzat hsara. Pero` jirrizulta li is-socjeta` attrici marret diversi drabi ghand il-konvenut u ma rnexxiliex tirrimedja dak li kien hemm. Jista' jkun tassew li kien hemm airlocks fil-pajpijiet, pero` ghal dan ma kienetxx responsabbli s-socjeta` attrici, ghalkemm wiehed ghandu jifhem li l-istess socjeta` attrici lanqas ma identifikat dan mill-bidu.**

**7. Ghalhekk tenut kont ta' dan, ma jirrizultax li s-socjeta` attrici irnexxilha tirrisolvi l-problema, u ghalkemm marret diversi drabi, ma tistghax tippretendi l-pagament jekk is-sistema ma hadmitx tajjeb.**

**8. Mill-lat l-iehor il-konvenut qed jippretendi hlas ghad-danni. Pero` apparti li ma ngiebet ebda prova dwar id-danni sofferti, fi kwalunkwe kaz ma jirrizultax li dawn id-danni graw principalment minhabba xi tort tas-socjeta` attrici, ghalkemm din setghet ikkontribwiet xi ftit meta ma uzatx dak li jispecifika l-manwal. Fic-cirkostanzi ma hemmx lok li tintlaqa il-kontro-talba, salv u impregudikat kull dritt tal-konvenut kontra terzi.,**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut.**

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet salv dak li gja gie deciz dwar l-eccezzjoni preliminari.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------